MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2227/1996/1

**William Saliba**

**vs**

**Edward Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' Gunju 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku liema incident sehh fit-12 ta' Lulju 1994 ghall-habta tad- 9.00 p.m. f'Marfa Road, Ghadira Bay, Mellieha meta l-attur gie mtajjar mill-vettura Land-Rover Numru C5514 li kienet misjuqa mill-konvenut.

Illi tali incident sehh tort unikament tal-konvenut.

Illi a kawza ta' tali incident l-attur sofra danni konsiderevoli u permanenti fuq persuntu.
Illi l-konvenut kien debitament interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni izda baqa' inadempjenti.

Talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-incident li sehh fit- 12 ta' Lulju 1994 ghall-habta tad-9.00 p.m. f'Marfa Road, Ghadira Bay, Mellieha sehh tort unikament tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta' tali incident.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 1996 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident imsemmi fic-citazzjoni ma garax b'tort ta' l-eccipjent izda htija ta' l-attur innifsu li kien manifestament traskurat meta gie biex jaqsam it-triq.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonjiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-13 ta' Frar 1998 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bhala espert tat-traffiku biex, wara li jambjenta ruhu mal-lokalita` tal-incident u b'hekk ikun aktar f'qaghda li aktar jistharreg il-kaz u wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz u okkorrendo jillikwida d-danni;

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 1999 li permezz tieghu gie nominat il-kirurgu ortopediku Charles Grixti bhala espert mediku sabiex jassisti lill-espert tat-traffiku;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji debitament mahlufin fit-28 ta' Gunju 1999;
Rat id-digriet tal-25 ta' Frar 2000 li permezz tieghu, fuq talba ta' l-attur, gew nominati bhala periti kirurgi addizzjonali Carmel Sciberras, Frederick Zammit Maempel u James Casha;

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu 2000 li permezz tieghu in sostituzzjoni tal-perit kirurgu addizzjonali James Casha gie nominat il-kirurgu Ivan Esposito;

Rat ir-rapport ta' l-esperti kirurgi addizzjonali debitament mahluf;

Rat it-twegibiet ta' l-istess esperti kirurgi addizzjonali ghad-domandi maghmulin lilhom in eskussjoni;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-incident in kwistjoni sehh fl-Ghadira, ftit 'l isfel mit-Tunny Net u quddiem is-Sea Spray. L-attur kien *jogging* flimkien ma' certu Raymond Borg u ntlaqat minn Land Rover misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed li kienu gejjin min-naha tad-Danish Village u minn hdejn is-Sea Spray riedu jaqsmu ghan-naha tat-Tunny Net. Kienu qeghdin jaghmlu *jogging on the spot* fuq il-bankina u meta raw li ma kienx gej traffiku qasmu ghal nofs it-triq fejn hemm sinjali *striped* li jinsabu fit-tarf ta' *traffic island* u dak il-hin ra Land Rover gejja tisserpja min-naha tal-Mellieha. Dak il-hin iffriza u x'hin waslet fuqu dar biex jerga' jigri lura izda laqtitu.

Raymond Borg ikkonferma li meta raw li t-triq kienet *safe* min-naha tal-Mellieha qasmu lejn l-i*stripes*. Il-Land Rover fegget wara li qasmu l-ewwel nofs tat-triq u raha gejja bi speed u sserrep. X'hin intlaqat l-attur zgur kienu vicin il-konkos tat-*traffic island* u fuq l-i*stripes*. Ma setax ighid kemm kienet boghod meta raha izda kienet daret *blind corner*.

Il-konvenut xehed li kien hareg minn triq laterali fejn it-Tunny Net, qabez iz-*zebra crossing*, intefa' fuq in-naha tieghu tat-triq u beda niezel lejn ir-*roundabout*. Qabel wasal hdejn is-Sea Spray ra tnejn *jogging* ser jaqsmu t-triq lejn in-naha tal-bahar u kien daqs tlieta, erba' karrozzi boghod minnhom. Dawn qasmu u waqfu fuq id-*double line* u *jogging on the spot*. Meta ra hekk zamm izjed lejn il-hajt u kif wasal maghhom l-attur iddecieda li jmur lura. Ipprova jikser 'il barra u jibbrejkja. Ipprova jevitah. Meta rahom l-ewwel darba hu baqa' ghaddej normali kif kien u ma kienx il-kaz li jnaqqas ghax huma kienu diga` qasmuha t-triq tieghu.

Fir-relazzjoni tieghu l-espert tat-traffiku kkonkluda hekk dwar ir-responsabbilta` ghall-incident in ezami:

“18. Jidher li ghalkemm f’dan il-kas ma kienx hemm nuqqasijiet serji la minn naha u anqas minn ohra – kien hemm b’dana kollu nuqqasijiet miz-zewg nahat. Minn naha tal-attur bhala pedestrian u minn naha tal-konvenut bhala driver.

19. Fejn gara l-incident hi triq ferm battuta, specjalment fl-eqqel tas-sajf (l-incident gara fit-12.07.94) avvolja pjuttost tard. Hemm wiehed irid iqis li l-pedestrian irid jaghti attenzjoni massima lit-traffiku, u s-sewwieqa joqghodu ferm attenti ghall-qsim tan-nies. Veru li hemm “pedestrian crossing” fil-qrib, imma fejn qasam l-attur ma kienx daqshekk qrib il-“pedestrian crossing” li taqbad u senz’altro tghidlu li kellu jaqsam minn fuqha. Sta di fatto li f’pajjizna ghadha ma xxettlietx il-kultura li wiehed jimxi bicca imqar sew sakemm isib il-“pedestrian crossing” u din hi realta’ li d-drivers f’pajjizna jridu jhabbtu wicchom maghha. Jigi enfasizzat izda, li l-pedestrian ghandu d-

dover tieghu wkoll u mhux il-kaz li dejjem ghandu ragun. Fil-fatt it-triq hi tat-tnejn (pedestrian u driver) bid-debita deligenza mistennija mit-tnejn. Salv li bejn vettura u pedestrian hu dan tal-ahhar li hu l-iktar fragli.

20. Jidher li l-incident gara piu' o meno ghal nofs it-triq. L-attur, wara li qaghad “jogging on the spot” fuq il-bankina, qasam x'hin hass li setgha jaghmel dan, imbaghad waqaf fin-nofs u kompla “jogging on the spot” u kkonfonda x'hin ra lil L/Rover “isserrep”. Tal-L/Rover jghid li hu serrep, ossia kiser lejn ix-xellug u wara lejn il-lemin meta ra lill-attur jersaq lura (marginalment ghal go triq il-L/Rover). Jidher ghalhekk li l-kontendenti fixklu lil xulxin b'mod kwazi bilkemm jiftiehmu u ghalhekk hu gust li ghall-incident il-htija tigi ripartita fuq bazi ta' 50:50.”

Bhalma qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Marzu 1998:

*"Hu car li kemm il-pedestrian kif ukoll id-driver ghandhom dmirijiet u responsabiltajiet bhala utenti tat-triq u kull wiehed minnhom kien bil-ligi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jigi assigurat illi fl-ezercizzju tad-dritt taghhom li juzaw it-triq ma jaghmlu xejn biex ifixklu lil haddiehor fl-uzu legittimu ta' l-istess triq. Hu meta jsir abbuz mid-dritt ta' dan l-uzu billi ma jigux osservati r-regolamenti li l-ligi timponi li jinholqu cirkostanzi li jipprovokaw is-sinistru. Minn dan in-nuqqas, sew jekk tal-pedestrian, sew jekk tas-sewwieq, temani r-responsabilta` ghall-akkadut"*.

Fil-kaz in ezami, filwaqt li din il-Qorti tapprezza l-argumenti mressqa mill-partijiet fin-noti ta' osservazjonijiet taghhom, hija tal-fehma li l-perit legali kien korrett fil-valutazzjoni li ghamel tal-provi fis-sens li l-partijiet "fixklu lil xulxin" u tirravviza nuqqasijiet da parti tat-tnejn - l-attur li kien imissu ra li t-triq hija *clear* anke min-naha opposta qabel ma beda jaqsam sabiex ma jkollux ghalfejn jieqaf f'nofs ta' triq u l-konvenut li una volta ra lill-attur u siehbu qeghdin jaqsmu jmissu rrallenta sabiex ikollu kontroll fuq

il-vettura tieghu. Ir-ripartizzjoni tar-responsabbilta` 50:50 hija ghaldaqstant gusta.

Rigward id-danni, ma tirrizulta l-ebda prova dwar *damnum emergens* u ghalhekk il-Qorti se tissofferma fuq it-telf ta' qliegh futur minhabba dizabilita` permanenti li l-attur sofra b'konsegwenza ta' dan l-incident.

Il-Qorti ezaminat ir-rapport ta' l-esperti kirurgi addizzjonali, ezaminat ukoll it-twegibiet li taw bil-miktub ghall-mistoqsijiet li sarulhom in eskussjoni, kif ukoll ezaminat ix-xiehda li taw in eskussjoni u ma ssib l-ebda raguni biex tvarja il-persentagg ta' dizabilita` minnhom moghti ta' 10%.

Kwantu ghall-*multiplier* stante li l-attur kellu 42 sena meta gara l-incident, taqbel li dan ghandu jkun ta' 19-il sena.

Kwantu ghall-bazi ta' qliegh annwu, billi ma jirrizultax li huwa esagerat, dan se jittiehed kif stabilixxa l-perit legali fl-ammont ta' Lm10,000 fis-sena.

In vista ta' l-apporzjonament tar-responsabbilta`, l-attur huwa intitolat ghal 50% mill-valur totali. Ghalhekk il-*lucrum cessans* jinhadem hekk:

Lm10,000 x 19 x 10% x 50% = Lm9,500.

Peress li l-incident gara fl-1994, se jsir tnaqqis ta' 2% ghal *lump sum payment* (ara f'dar-rigward **Anthony Falzon vs Lawrence Caruana** deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001). Ghalhekk mis-somma ta' Lm9,500 trid titnaqqas is-somma ta' Lm190 li jhalli bilanc ta' Lm9,310.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif inghad u ghalhekk:

(1) Tiddikjara illi l-incident li sehh fit-12 ta' Lulju 1994 ghall-habta tad-9.00 p.m. f'Marfa Road, Ghadira Bay, Mellieha sehh tort tal-konvenut fi proporzjon ta' 50%,
(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' Lm9,310,u

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm9,310 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------